# Minuti tal-436 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa, 30 ta' Lulju, 2014.

Il-laqgħa bdiet fis-6:00 ta' filgħaxija b'talba. Il-Viċi-Sindku, is-Sur Domenic Agius ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu l-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur John J Pace, is-Sur Joseph Agius, is-Sur Marc Vella Bonnici, is-Sur Joseph Vella, is-Sur Brian Spiteri, is-Sinjura Anna Calleja, is-Sur Joseph Bonnici u s-Sur Joseph Agius[1].

Is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa fis-6.10 ta' filgħaxija.

L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ is-Sinjorina Katrin Busuttil kienet assenti.

Fl-introduzzjoni l-Viċi-Sindku u l-Kunsillieri ferħu lill-Kunsillier is-Sur Joseph Agius li ġie elett f'elezzjoni każwali li saret fit-28 ta' Lulju, 2014 u awgurawlu l-ħidma t-tajba.

Item 2 – Ħatra ta' Sindku

Is-Segretarju Eżekuttiv ikkwota l-Artikolu 25 (Taqsima III) tal-Att Dwar Kunsilli Lokali dwar il-kariga ta' Sindku u li tirregola l-ħatra ta' Sindku tal-Kunsill. Dan l-Artikolu jipprovdi li f'każ illi s-Sindku jispiċċa mill-kariga matul it-terminu tal-Kunsill, il-post tas-Sindku għandu jimtela minn dik il-persuna tal-istess partit li tkun ġabet l-akbar ammont ta' voti fl-ewwel għadd wara s-Sindku li jkun qed jispiċċa mill-kariga.

Is-Segretarju Eżekuttiv talab lis-Sur Domenic Agius bħala l-persuna tal-istess partit tas-Sindku li spiċċa mill-kariga u li ġabet l-akbar ammont ta' voti fl-ewwel għadd wara s-Sindku li għadu kif spiċċa mill-kariga, biex jiddikjara jekk kienx qed jaċċetta li jokkupa

[1] Is-Sur Joseph Agius ġie elett Kunsillier fit-28 ta' Lulju, 2014 wara elezzjoni każwali.

l-kariga ta' Sindku. Is-Sur Domenic Agius qal li kien qed jirrifjuta milli jokkupa l-kariga ta' Sindku u għaldaqstant jitlob li jitressqu n-nominazzjonijiet biex is-Sindku jintgħażel minn fost il-Kunsillieri.

Is-Sur Joseph Agius[2] ippropona lis-Sur Marc Vella Bonnici għall-ħatra ta' Sindku tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar. Il-Viċi-Sindku, is-Sur Domenic Agius, issekonda l-proposta tas-Sur Joseph Agius u l-Kunsill qabel b'seba' voti favur u tliet astenzjonijiet li s-Sur Marc Vella Bonnici jinħatar bħala Sindku.

Is-Sur Marc Vella Bonnici aċċetta li jokkupa l-kariga ta' Sindku u ffirma l-ittra ta' aċċettazzjoni tal-kariga. Is-Sur Vella Bonnici, filwaqt li rringrazzja l-Kunsillieri tal-fiduċja li wrew fih, qal illi ser ikompli jaħdem għall-ġid ta' Ħaż-Żabbar u tar-residenti u appella biex il-Kunsillieri jibqgħu jaħdmu fl-aħjar interess tar-residenti u tal-lokalita`.

Fis-6.10 ta' filgħaxija is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa.

F'isem il-Kunsillieri tal-Partit Nazzjonalista, s-Sur Joseph Buttigieg feraħ lis-Sur Marc Vella Bonnici għal din il-ħatra filwaqt li wegħdu l-appoġġ sħiħ tal-Kunsillieri tal-Partit u awguralu l-ħidma t-tajba.

Il-laqgħa spiċċat fis-6:20 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvat fil-437-il laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 6 t'Awwissu, 2014.

Marc Vella Bonnici
Sindku

[2] Is-Sur Joseph Agius, li ressaq il-proposta għall-ħatra tas-Sur Marc Vella Bonnici, huwa il-Kunsillier li ġie elett fl-elezzjoni każwali li saret fit-28 ta' Lulju, 2014. Din in-nota qed issir biex ikun hemm referenza ċara f'dawn il-minuti peress illi l-Kunsill issa għandu żewġ Kunsillieri bl-istess isem u kunjom u li jirrappreżentaw l-istess partit.